C/2026/2941

28.5.2026

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.12382 — CVC/DSM ANIMAL NUTRITION AND HEALTH BUSINESS)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2026/2941)

1. Fid-19 ta' Mejju 2026, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Din in-notifika tikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— CVC Capital Partners plc ("CVC", Jersey),

— in-negozju tan-Nutrizzjoni u s-Saħħa tal-Annimali "Animal Nutrition and Health business (in-"Negozju fil-Mira") ta' DSM-Firmenich AG ("DSM", l-Iżvizzera).

CVC se takkwista, fis-sens tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll esklużiv tal-Kumpanija fil-Mira ta' DSM.

Il-konċentrazzjoni titwettaq permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma li ġejjin:

— CVC hija ditta ta' ekwità privata b'fondi li għandhom interessi f'għadd ta' kumpaniji attivi f'varjetà ta' industriji madwar id-dinja, inkluż fis-servizzi finanzjarji, fis-sustanzi kimiċi, fl-utilitajiet, fil-manifattura, fil-bejgħ bl-imnut u fid-distribuzzjoni,

— In-Negozju fil-Mira huwa produttur globali ta' ingredjenti tan-nutrizzjoni tal-annimali li jopera f'ħames linji ta' negozju ewlenin: Prodotti Essenzjali (vitamini u karotenojdi), Soluzzjonijiet ta' Prestazzjoni, Taħlitiet minn Qabel, Servizzi ta' Preċiżjoni, u Ingredjenti tal-Aroma.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament issimplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn impriżi ([2]), għandu jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lill-partijiet terzi interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar il-konċentrazzjoni proposta.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn 10 ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Ir-referenza li ġejja għandha dejjem tiġi speċifikata:

M.12382 — CVC / DSM ANIMAL NUTRITION AND HEALTH BUSINESS

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bl-email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

Indirizz Postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.